



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-144/14

Cabinet Medical Veterinar Dr. Tomoiagă Andrei

vs

Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj Napoca prin Administrația Județeană a Finanțelor Publice Maramureș

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Maramureș)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 273 u 287 — Obbligu ta’ identifikazzjoni ex officio ta’ persuna taxxabli għall-finijiet tal-VAT — Natura taxxabli tas-servizzi ta’ mediċina veterinarja — Prinċipju ta’ ċertezza legali — Prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tad-9 ta’ Lulju 2015

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Provvista ta’ servizzi — Kura veterinarja — Skema speċjali ta’ eżenzjoni — Qbiż tal-limitu ta’ eżenzjoni u suġġettar għat-taxxa — Obbligu ta’ identifikazzjoni ex officio ta’ persuna taxxabli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud — Assenza*

(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 213(1), 214(1), 250(1), 273 u 287)

2. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Ċertezza legali — Portata*
3. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Provvista ta’ servizzi — Klassifikazzjoni mill-ġdid ta’ tranżazzjoni ta’ servizz veterinarju eżenti bħala attività suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud — Ammissibbiltà fid-dawl tal-prinċipju ta’ ċertezza legali — Assenza ta’ applikazzjoni sistematika ta’ din it-taxxa mill-awtoritajiet nazzjonali — Ammissibbiltà fid-dawl tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Verifika mill-qorti nazzjonali*

(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 273 u 287)

4. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Kundizzjonijiet — Assigurazzjonijiet preċiżi pprovduti mill-amministrazzjoni*

1. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE, ma jimponix fuq l-Istati Membri li jwettqu *ex officio* l-identifikazzjoni ta’ persuna taxxabli bil-għan li tinġabar it-taxxa fuq il-valur miżjud unikament abbażi ta’ dikjarazzjonijiet fiskali, differenti minn dawk relatati ma’ din it-taxxa, meta dawn kienu jippermettu li jiġi kkonstatat li din il-persuna taxxabli qabżet il-limitu għall-eżenzjoni mill-imsemmija taxxa.

Fil-fatt, għalkemm l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-persuni taxxabbli, il-kontijiet ta' dawn tal-aħħar u d-dokumenti l-oħra rilevanti kif ukoll li jikkalkolaw u li jiġbru t-taxxa dovuta, hija l-persuna kkonċernata, fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 213(1) ta' din id-direttiva, li għandha tiddikjara meta tibda, tbiddel jew twaqqaf l-attività tagħha bħala persuna taxxabbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta jadottaw miżuri sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni tal-persuni taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Fit-tieni lok, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw l-osservanza tal-obbligi li huma suġġetti għalihom il-persuni taxxabbli, filwaqt li f'dan ir-rigward jibbenefikaw minn ċerta flessibilità f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-mod kif jużaw il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom.

Minn dan isegwi li d-Direttiva 2006/112 ma timponix fuq l-Istati Membri li jadottaw miżuri leġiżlattivi u amministrattivi ta' natura li jiġi żgurati li, fil-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet fiskali differenti minn dawk relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud, tiġi vverifikata simultanjament l-osservanza tal-obbligi tal-persuna taxxabbli fir-rigward ta' din it-taxxa, meta barra minn hekk tali dikjarazzjonijiet ma jinkludux neċessarjament id-data kollha li tista' tiġi pprovduta fil-kuntest ta' dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Artikolu 250(1) tad-Direttiva 2006/112 u li hija meħtieġa sabiex tiġi stabbilita din it-taxxa.

(ara l-punti 26, 28-31 u d-dispożittiv 1)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 54-56)

3. Il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jipprekludux li amministrazzjoni fiskali tiddeċiedi li servizzi ta' mediċina veterinarja jkunu suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud, wara t-tħassir ta' tranżazzjoni mil-lista tat-tranżazzjonijiet eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud, meta din id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq regoli ċari u l-prassi ta' din l-amministrazzjoni ma kinitx ta' natura li toħloq, f'moħħ operatur ekonomiku prudenti u attent, aspettattiva raġonevoli li din it-taxxa ma tiġix applikata għal tali servizzi, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fil-fatt, minn naħa, is-sempliċi fatt li l-amministrazzjoni fiskali tikklassifika mill-ġdid tranżazzjoni partikolari bħala attività ekonomika suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud, waqt it-terminu ta' preskrizzjoni, ma jistax, minnu nnifsu, jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-fatt li l-awtoritajiet fiskali nazzjonali ma ssuġġettawx, b'mod sistematiku, is-servizzi ta' mediċina veterinarja għat-taxxa fuq il-valur miżjud wara t-tħassir tar-riferiment għall-kura veterinarja mil-lista tat-tranżazzjonijiet eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud, ma jistax *a priori* jkun suffiċjenti, ħlief f'ċirkustanzi partikolari ħafna, sabiex joħloq, f'moħħ operatur ekonomiku normalment prudenti u attent, aspettattiva raġonevoli li din it-taxxa ma tiġix applikata għal tali servizzi meta l-imsemmija taxxa tapplika b'mod ġenerali u s-servizzi ta' mediċina veterinarja kienu ġew irtirati mil-lista tat-tranżazzjonijiet eżenti.

(ara l-punti 41, 46, 48 u d-dispożittiv 2)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 43, 44)